malta biennale .art 2024

Under the Patronage of His Excellency the President of Malta and unesco

## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

VALLETTA, Malta, 6 ta' Marzu 2024

### Malta tinawgura l-ewwel biennale tagħha f'inqas minn ġimgħa

L-antiċipazzjoni qed tilħaq il-qofol tagħha hekk kif Malta qed tħejji biex ittella' l-ewwel biennale tagħha, ċelebrazzjoni innovattiva tal-arti kontemporanja li se tgħaxxaq lill-udjenzi mit-13 ta' Marzu sal-31 ta' Mejju li ġej.

Hekk kif fadal inqas minn ġimgħa għall-ftuħ uffiċjali, l-arja hija mimlija bl-eċċitament, u s-sebħ ta' era ġdida fis-settur kulturali Malti jinsab wara l-bieb.

Taħt il-patroċinju tal-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta u l-UNESCO, dan l-avveniment storiku mistenni joffri kalejdoskopju ta' espressjoni artistika, li jgħaqqad it-talenti lokali u internazzjonali f'ċelebrazzjoni armonjuża ta' kreattività. Minn installazzjonijiet avant-garde sa esebiti li jqanqlu l-ħsieb, il-programm ikkurat jirrifletti l-vuċijiet u l-perspettivi diversi li jsawru n-nisġa artistika globali.

L-aħħar tħejjijiet jinsabu fl-aqwa tagħhom, bl-artisti jżidu l-irtokki finali fuq il-kapolavuri tagħhom, u jittrasformaw il-gżejjer tagħna f'tila vibranti ta' ispirazzjoni. Il-website tal-biennale www.maltabiennale.art tipprovdi twejqa fuq l-esperjenza immersiva li tistenna lil dawk li jattendu.

"Dan il-biennale jimmarka mument kruċjali għal Malta, konverġenza ta' brillantezza artistika li twiegħed li tħalli marka li ma titħassarx fuq ix-xena kulturali tagħna," jgħid Mario Cutajar, President u fundatur tal-maltabiennale.art. "Nistiednu lil kull min iħobb l-arti u lil kull min hu kurjuż biex jingħaqad magħna f'din iċ-ċelebrazzjoni importanti, fejn il-konfini huma imbuttati u l-immaġinazzjoni meħlusa."

Issa li beda l-countdown għaċ-ċerimonja tal-ftuħ, Malta tantiċipa bil-ħerqa l-bidu ta' tradizzjoni tal-biennale li bla dubju se tiddefinixxi mill-ġdid lil din il-gżira-nazzjon bħala ċentru globali għall-arti kontemporanja. Titlifx iċ-ċans li tkun parti mill-istorja - xhud tat-twelid tar-rinaxximent artistiku ta' Malta!

*maltabiennale.art hija inizjattiva tal-Heritage Malta permezz ta' MUŻA, il-Mużew Nazzjonali tal-Arti, bi sħubija mal-Kunsill Malti tal-Arti. maltabiennale.art hija ppreżentata wkoll b'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, mal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, mal-Ministeru ta' Għawdex, kif ukoll ma' Visit Malta, Malta Libraries, MCAST, Festivals Malta, L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta u Spazju Kreattiv. L-inizjattiva tinkludi s-sehem tal-Iskola tal-Arti Viżiva u Performattiva f'Malta, AUM, ŻfinMalta, KorMalta, Teatru Manoel, L-Orkestra Filarmonika ta' Malta, Franco La Cecla, IULM University Milan, id-Dipartiment tal-Istudji Umanistiċi, il-Fakultà tal-Arti u Turiżmu, id-Dipartiment tal-Wirt Kulturali ta' Taħt il-Baħar ta' Heritage Malta, id-Dipartiment Arkeoloġiku ta' Heritage Malta u l-Mużew Marittimu ta' Heritage Malta.*

*maltabiennale.art tista' ssibhom online:*
*Is-sit uffiċjali: www.maltabiennale.art*
*Facebook, Instagram, LinkedIn: @maltabiennale.art*
*Email: info@maltabiennale.art*

malta biennale .art 2024

Under the Patronage of His Excellency the President of Malta and unesco

# PRESS RELEASE

VALLETTA, Malta, 6th March 2024

## Malta unveiling its first-ever biennale in less than a week

The anticipation is reaching a crescendo as Malta gears up to host its first-ever biennale, a groundbreaking celebration of contemporary art set to captivate audiences from March 13th to May 31st.

With less than a week remaining until the grand unveiling, the air is thick with excitement, heralding the dawning of a new era in the Maltese cultural landscape.

Under the patronage of His Excellency the President of Malta and UNESCO, this historic event promises to showcase a kaleidoscope of artistic expression, uniting local and international talents in a harmonious celebration of creativity. From avant-garde installations to thought-provoking exhibits, the curated programme reflects the diverse voices and perspectives that shape our global artistic tapestry.

The final preparations are in full swing, with artists adding the finishing touches to their masterpieces, transforming our islands into a vibrant canvas of inspiration. The maltabiennale.art website www.maltabiennale.art provides a tantalizing glimpse into the immersive experience that awaits attendees.

"This biennale marks a pivotal moment for Malta, a convergence of artistic brilliance that promises to leave an indelible mark on our cultural landscape," says Mario Cutajar, President and founder of the maltabiennale.art. "We invite art enthusiasts and the curious to join us in this momentous celebration, where boundaries are pushed and imaginations set free."

As the countdown to the opening ceremony begins, Malta eagerly anticipates the commencement of a biennale tradition that will undoubtedly redefine the island nation as a global hub for contemporary art. Don't miss your chance to be part of history - witness the birth of Malta's artistic renaissance!

*maltabiennale.art is a Heritage Malta initiative through MUŻA, the Malta National Community Art Museum, in partnership with Arts Council Malta. maltabiennale.art is also presented in cooperation with the Ministries for Foreign and European Affairs and Trade, National Heritage, the Arts and Local Government, and Gozo, as well as with Visit Malta, Malta Libraries, MCAST, Festivals Malta, Valletta Cultural Agency and Spazju Kreattiv. With the participation of Malta School of Art, AUM, ŻfinMalta, KorMalta, Teatru Manoel, Malta Philharmonic Orchestra, Franco La Cecla, IULM University, Milan, Department of Humanities Studies, Faculty of Arts and Tourism, Underwater Department Heritage Malta, Archaeological Department Heritage Malta and Maritime Museum Heritage Malta.*

*maltabiennale.art is online:*
*Official website: www.maltabiennale.art*
*Facebook, Instagram, LinkedIn: @maltabiennale.art*
*Email: info@maltabiennale.art*